MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru 986/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonello)**

**v**

**Emanuel Borg ta' 40 sena, iben Leonard**
**u Annetta nee Pace mwieled Qormi**
**fit-12/12/61 u joqghod Flat 10, Block 13,**
**Triq it-Tramuntana, Valletta,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**14462 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Emanuel Borg li gie akkuzat talli fit-18 ta’ Mejju, 2002 ghall-habta tal-11.30 ta’ filghaxija fi Triq Nazzjonali, Hamrun:

B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna l-mewt ta’ Carmelo Abela minn Senglea;

Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAB-861 bi traskuragni u b’manjiera perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi, tiskwalifika lill-imsemmi Emanuel Borg milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xieraq u tordnalu sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti peritali.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista’ tinsab htija u cioe:

Fl-artikoli 225, 17(h), 20, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali u fl-artikoli 15 u 18 tal-kapitlu 65(a fol 88).

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji ( a fol 89)

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi huwa pacifiku illi Carmelo Abela spicca mtajjar mill-vettura misjuqa minn Emanuel Borg, l-akkuzat, u konsegwenza ta’ dan l-incident Abela tilef hajtu.

Illi s-sit fejn gara l-incident in dizamina huwa ben deskritt fil-pjanta redatta mill-perit arkitett Valerio Schembri ( a fol 22 tal-process verbal).

Il-fatti tal-kawza fil-qosor huma li Abela qasam qabel Portes de Bombes fil-hin ta’ cirka 11.30 p.m., hemm, ghax hasad lis-sewwieq Emanuel Borg, spicca mtajjar.

Jirrizulta wkoll bhala fatt illi Carmelo Abela precedenti ghall-incident ma kienx qed igib ruhu b'mod normali, anzi fl-opinjoni ta' xhud okulari, (biss ghal imgieba ta' l-istess Abela) donnu kien jidher li kien fi stat ta' sokor.

Jigi rilevat ukoll illi ghalkemm nominat fl-inkjesta Dr Michael Sammut bhala tossikologista pero' dan qatt ma espleta l-inkarigu lilu moghti ghax qatt ma gie nfurmat bl-inkarigu.

Ikkonsidrat

Illi in ezami ta' l-akkuzi dedotti din il-Qorti qeghda u se taghmel referenza ampja ghar-relazzjoni prezentata minn Dr V. Galea.

Fir-relazzjoni tal-Perit Legali hemm elenkati diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna li jiddeterminaw anke responsabilita' fl-uzu tat-triq tal-pedone.

Ghalhekk l-istess perit legali jsemmi zewg sentenzi li jipprospettaw sitwazzjoni simili ghal dik in dizamjina u cioe fejn il-pedone jaqsam f'daqqa u ghaldaqstant jahsad lis-sewwieq (Pulizija v J. Thorton Appell Kriminali Vol XLVIV/920). Fil-kawza Pulizija v Cassar Desain Appell Kriminali Koll. Vol XLVI/IV/765 dan il-principju ta' emergenza subitaneja huwa zviluppat u jinkorpora wkoll sitwazzjoni bhal dawk meta l-pedone jinzel minn fuq bankina meta mhux mistenni jaghmel hekk jew jaghmel hekk f'daqqa u b'mod inaspettat jitfaccja quddiem karozza.

Fil-fatt din is-sitwazzjoni hawn fuq deskritta hija identika ghal dik in dizamina in kwantu ghal movimenti maghmula mill-mejjet u dan skond ix-xhieda rizultanti. Fil-fatt ix-xhud Mario Calleja jiddeskrivi sew il-movimenti u l-imgieba tal-mejjet, jghid li rah qabel l-incident tant li l-mod kif beda jgib ruhu kkonkluda li dan kien fis-sakra.

Min-naha kemm ta' l-akkuzat kif ukoll tal-passiggiera tieghu Josephine Schembri, jirrizulta illi l-mejjet hasad lis-sewwieq ghax fil-fatt indunaw bih x'hin laqtuh.

Issa ghalhekk jibqa' li jigi determinat biss, in kwantu huwa si tratta ta' culpa, jekk is-sewwieq allura l-akkuzat setax jevita din id-disgrazzja, jekk hu kienx b'xi mod negligenti, bla kont jew traskurat fis-sewqan tieghu sal-grad li kkaguna l-mewt ta' Carmelo Abela.

Ghalhekk ghandu jigi determinat jekk Borg setax darba li jzomm proper look out jevitax dan l-incident dana fil-kuntest tal-fatt li xi ftit gie mahsud mill-mejjet.

Huwa pacifiku illi t-triq fejn sar l-incident sa qabel il-Portes des Bombes sejjer lejn il-Belt Valletta tgawdi minn vizwali tajba. Certament huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana u anke dik barranija li jinkombi dejjem fuq is-sewwieq li jzomm dik il-proper look out ghal uzanti bil-pass tat-triq aktar u aktar meta triq hija wahda li tippermetti din il-look out. Verament li kif irrizulta mill-atti it-triq jew ahjar dik il-parti fejn gara l-incident ma kinitx imdawla sew pero' bhala fatt dan aktar jinkombi fuq is-sewwieq li juri aktar attenzjoni fis-sewqan tieghu. Tikkwota din il-Qorti s-sentenza gia citata fir-rapport ta' Dr V. Galea fl-ismijiet 'Neuhaus ND vs Boston Insurance Co. Ltd. (1968) moghtija mill-Qrati Nglizi fejn intqal:

"Keeping a proper look out means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."

Illi tenut kont ta' dan kollu premess, tal-fatti kif graw, u cioe li Borg setgha gie mahsud mill-azzjoni ta' Abela, li pero' Borg kien igawdi wkoll minn vizwali cara tat-triq u kellu f'kull hin anke jzomm "proper lookout" tat-triq <u>kollha</u> u dana meta fi kliemu stess jammetti illi ghalih ma kienx l-ewwel darba li ra n-nies jaqsmu minn hemm ( a fol 98). Qeghda ghaldaqstant issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 225, 17, 20, 23, 30 tal-Kapitlu 9 u 15 u 18 tal-Kapitlu 65.

Tikkundannah ghal multa ta’ Lm 500 (hames mitt lira Maltija) (dan ghaliex tqis li l-imgieba tal-mejjet certament ikkontribwixxiet ghall-incident), ghal skwalifika tal-licenzji tas-sewqan ghal tliet xhur kif ukoll tordna li l-vettura ta’ ghamla Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni CAB-861 (vide xhieda ta’ Direttur tal-Licenzji a fol 85 – 86) tigi debitament konfiskata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------